# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Daryl Borg)

Vs

Paul Gauci Borda

**Illum,** 16 ta` April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Paul Gauci Borda iben Paul u Rita nee' Fenech, imwieled Zebbug nhar il-15 ta' Ottubru, 1992 u residenti gewwa 11, St John, Flat 3, Trejqet Nicola Cotoner, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' numru 481492 M akkuzat talli nhar it-03 ta' Marzu 2014 u fil-jiem, granet, gimghat u/jew xhur precedenti f' dawn il-Gzejjer:

Ikkommettejt diversi reati, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, jikrsu l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar is-16 ta' Frar 2014, ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn gewwa 'Tafal Souvenier Shop', sitwat gewwa 'Baystreet Complex', San Giljan, liema serq

huwa aggravvat bil-valur li jeccedi € 232.94 izda mhux aktar minn € 2,329.37 ghad-detriment ta' Joseph Mizzi u/jew persuna/i ohra;

2. Kif ukoll talli nhar is-17 ta' Frar, 2014 ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn gewwa 'Tafal Souvenier Shop' sitwat gewwa 'Baystreet Complex', San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi € 232.94 izda mhux aktar minn € 2,329.37 ghad-detriment ta' Joseph Victor Mizzi u/jew ta' persuna/i ohra;
3. U aktar talli nhar it-02 ta' Marzu, 2014 ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn gewwa 'Tafal Sounvenir Shop', sitwat gewwa 'Baystreet Complex', San Giljan, liema valur ma jiskorrix il-€200 ghad-detriment ta' Joseph Victor Mizzi u/jew ta' persuna/I ohra.

   U aktar talli irrendejt ruhek recediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gejt miskub hati b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali datat 16 ta' Novembru 2014 (fol. 17) u l-istqarrija datata 16 ta' Novembru 2014 (fol. 18) fejn l-imputat ghazel li ma jirrispondix.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti fit-2 ta' Jannar, 2005 skont l-artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li wara li nqrat l-akkuza fis-seduta tal-10 ta' Marxu, 2015, sar l-ezami tal-imputat fejn l-imputat wiegeb li ma huwiex hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u taha l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2022 d-difensur tal-imputat talab li l-Qorti tikkonverti ruhha ghal Qorti tad-droga skont l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni ma oggezzjonatx.

Rat li fis-seduta tal-8 ta' Novembru, 2022 id-difiza ghalqet il-provi taghha fuq l-artikolu 8. Il-Qorti wara li rat il-provi migjuba quddiemha rigwardanti l-artikolu 8 , assumiet il-funzjonijiet tal-Qorti tad-Droga u iirriferiet lil imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilazzjoni ta' persuni li nqabdu bid-droga.

Rat in-nota tal-Borg tar-Rijabiltazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga datata 17 ta' April, 2023 u tal-23 ta' Awwissu, 2023.

Rat ix-xhieda ta' Joseph Mizzi li ezebixxa Dok JM 1 fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2015; ta' PS 1147 Antoine Fenech li exebixxa tlett envelopes kontenenti ritratti Dok AF 1, AF 2, AF 3 fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2016; ta' Spettur Jonathon Cassar li ezebixxa Dok JC1 u Dok JC 2 rapporti fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016; ta' Spt. Darryl Borg li xehed fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016 u ezebixxa sentenza Dok DB; ta' Stephania Calafato Testa u Maria Caruana limitatament fuq l-artikolu 8 tal-Kap. 537 fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022.; Louis Buhagiar fis-seduta tal-8 ta' Novembru, 2022;

Rat l-artikoli 267, 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art 8 tal-Kap. 537 u l-Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkunsidrat

**Joseph Mizz**i xehed fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2015. Xogholu huwa f' hanut go Bay Street fejn parti minnu ibiegh prodotti Maltin. Fit-tlieta ta' Marzu, tas-sena elfejn u erbatax (3/03/2014) u d-dsatax ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (19/02/2014) ghamel zewgt rapporti li l-imputat, li qed jaghraf fl-awla, seraq hafna oggetti minn fuq stand u li l-ghada l-imputat ghamel l-istess. Jaf li l-imputat seraq ghaliex jiccejka s-security cameras. Jghid li fil-filmati l-imputat jihder car. Mistoqsi mill-Qorti x' ghamel b' dawn il-filmati jirrispondi li pprovda recording tal-filmati lill-Pulizija ta' San Giljan.

Ix-xhud jghid li kien hemm tlett (3) okkazzjonijiet mill-anqas fejn kien hemm serq fil-hanut. Ix-xhud jghid li lil imputat rah kemm il-darba fil-hanut imma meta jara lilu jitlaq izda meta jsib mara fil-hanut jaghmel li ghandu jaghmel. Li jista' jipprova huwa tlett okkazzjonijiet fejn sehh is-serq.

L-oggetti li nsterqu kienu bejn Lm 100 u Lm 1000 bhala valur (selling price). Bhala valur tal-oggetti, kemm gewh jisweh minghand l-agenti huwa € 1,800.90. kif jirrizulta minn invoice ezebita mix-xhud.

**PS 1147 Antoine Fenech** xehed fis-seduta tal-2 ta' Marzu, 2016. Jixhed li gie moghti xi filmati rigward serq minn go stabiliment. Rigward il-police report number 6AN1057/2014 zewgt dati partikolari huma s-16 ta' Frar u 17 ta' Frar (16.17/02/2014). Minn dawn il-filmati gew mahruga hames (5) stills tas-sbatax u tmien stills tas-sittax. Jezebixxi kopja tal-filmat.
Rigward l-istess kaz gie mghoddi filmat fuq il-police report number 6AN1275/2014. Fejn minn dan il-filmat gew mahruga erba' stills. Fiz-zewg police report numbers hemm kopja tal-filmati li gew mghoddija lilu.

**Spettur Jonathan Cassar** xehed fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016. Jixhed li ma jaghrafx lil imputat. Jixhed li f' zewgt okkazzjonijiet separati kien gie certu Joseph Victor Mizzi fejn irrapporta zewgt serqiet minn go l-istabbiliment tieghu souvenir shop sitwat go Bay Street. Fid-19 ta' Frar, 2014 ghal habta tas-siegha (01:00hrs) kien irrapporta l-ghassa ta' San Giljan, fejn dak iz-zmien kien PS 1456 sabiex jirrapporta li kienet saret serqa minn gol hanut tieghu u kienu nsterqulu mija u tmenin (180) bicca cpiepet u gizrajjen u li kien ibieghum b' ghaxar ewros izda kien jixtihom hamsa. Kien informa lil Spettur Darryl Borg u l-kwerelant kien hejja l-footages. Il-footages thejjew mill-filmati li ngabru.

Fit-tlieta ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax il-kwerelant kien rega' gie jaghmel rapport ta' serqa minn go l-istess hanut. Dak in-nhar ix-xhud inzerta kien xoghol. Dak in-nhar kienu nsterqu zewg frieken tal-Imdina Glass, bil-werqa tad-deheb ta' erbgha u ghoxrin karat. Il-kwerelant kien rega' hejja footage u kien infurmah li kien l-istess bniedem li kien involut fis-serqa precedenti. L-oggetti misruqa kienu jinbieghu disghin ewro il-wahda.
Minn informazzjonijiet li kien kiseb il-kwerelant, inizjalment kienu hasbu li l-persuna in kwistjoni kienet persuna ta' nazzjonalita' Tunezina.

Ix-xhud ma huwiex f' pozizzjoni li jaghraf lil imputat ghaliex ma nvestigahx.

Ix-xhud jipprezenta zewg okkorrenzi bin-numru 6A/N/1057/2014 li hija rigward r-rapport tas-dsatax ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (19.02.2014) u okkorrenza 6A/N/1275/2014 li hija rigward ir-rapport tat-tlieta ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (03.03.2014).

**Spettur Darryl Borg** xehed fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016. Fit-tlieta ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax kien gie infurmat bis-serqa minn PS 1456 Jonathon Cassar. Kien gie infurmat ukoll li l-istess kwerelat kien ghamel rapport fid-dsatax ta' Frar ta-sena elfejn u erbatax dwar serqa simili fl-istess hanut.

Il-filmati tas-CCTV ingabru, gew mghoddija lilu u hu ghaddiehom lis-sezzjoni tal-forensika fejn hargu l-istills.

Mill-istills wiehed seta' jinduna li l-persuna li jihder fihom kien l-imputat li qed jaghraf fl-awla.

Kien bghat ghal imputat u wara li nghata s-solita twissija li jikkonsulta ma' Avukat kien ghazel li ma jikkonsultax ma Avukat. Waqt l-istqarrija ma kien wiegeb ghal ebda domanda u kien baqa' jinnega li kien hu li wettaq ir-reat. L-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

Ix-xhud jikkonferma l-firma tieghu kull fejn jinkorru.

Ix-xhud jipprezenta sentenza datata 24 ta' April, 2012 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit u Roderick Agius) kontra Paul Gauci Borda li nqatghet mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona. (Dok DB fol. 69 et seq)

**<u>Provi fuq l-artikolu 8 tal-Kap. 537</u>**

**Stephania Calafato Testa,** Registratur il-Qorti Kriminali xehedet fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022. Tipprezenta lista ta' kawzi kemm pendenti u dawk decizi li ghandu l-imputat (Dok ST 1).

**Maria Caruana**, in rapprezentanza tal-Caritas xehedet fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022. L-imputat beda jiehu s-servizz tal-Caritas f' Jannar 2018. Huwa kien jattendi ghas-sezzjonijiet individwali regolari hafna u kien ihalli urine samples b' supervizzjoni mil-istaff fil-binja tal-Caritas li dejjem gew fin-negattiv ghal kul sustanza illecita. L-imputat waqaf jattendi f' Lulju 2018 u meta f' Marzu 2020 hareg mil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin rega beda l-kuntatt bit-telephone peress li kien hemm il-pandemija. Wara li fethu l-imputat rega' beda' jhalli urine samples regolarment u dawn regghu bdew jirrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

Ix-xhud tixhed li li l-imputat sejjer tajjeb hafna fil-hajja ta' kuljum in generali u rega' ha t-tifla titrabba mieghu flimkien ma ommu u issa mal-partner prezenti tieghu.
Il-progress tieghu huwa wiehed signifikanti. Fil-passat kellu problema ta' coke u eroina. Gie ezebit rapport. (Dok MC 1).

**Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' JobsPlus xehed fis-seduta tal-8 ta' Novembru, 2022. Jipprezenta employment history tal-imputat minn fejn jirrizulta li hu impjegat fulltime mill-5 ta' Lulju, 2021.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat gie akkuzat b' serq ta' minn oggetti gewwa hanut.

L-imputat gie identifikat minn stills mehuda minn CCTV camera footage li gew ezebiti fl-atti. Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti gie pprovat li l-imputat ikkometta r-reat li huwa akkuzat bih.

Ikkunsidrat

Illi wara talba maghmula mid-difiza taht l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, Att Dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija) permezz ta' digriet datat 8 ta' Novembru 2022 il-Qorti assumiet l-funzjonijiet tal-Qorti tad-Droga u irriferiet lil Paul Gauci Borda quddiem il-Bord ta' Rijabilazzjoni ta' persuni li nqabdu bid-droga.

Illi l-Qorti sabiex waslet ghad-decizijoni taghha, semghet x-xhieda ta' **Maria Caruana**, in rapprezentanza tal-Caritas, li xehedet li l-imputat beda' jiehu s-servizz tal-Caritas f' Jannar 2018 u li fil-passat kellu problema ta' droga. Il-Qorti kienet sodisfatta li t-testijiet kienu jirrizultaw negattiv ghal uzu ta' droga b' mod konsistenti. Il-Qorti rat ukoll li l-imputat ghandu impjieg regolari fuq bazi full-time, kif ukoll qed irabbi lil bintu.

Il-Qorti rat in-nota tal-Borg tar-Rijabiltazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga datata 17 ta' April, 2023 u tal-23 ta' Awwissu, 2023 fejn il-Bord informa lil dina l-Qorti li li l-klijent deher quddiemu nhar it-23 ta' Gunju 2023 fejn il-klijent spjega s-sitwazzjoni prezenti tieghu. Il-Bord innota li r-rapport fir-rigward tal-klijent huwa wiehed posittiv. In vista tal-fatt li l-Bord huwa sodisfatt bil-process ta' rijabilazzjoni tal-klijent, il-Bord qieghed jaghlaq il-kaz b' success.

Ikkunsidrat

Il-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reatli dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga

Il-Qorti hija tal-fehma li ma huwiex a beneficcju ghas-socjeta' li l-imputat li riabilita ruhu mid-dipendenza tad-droga jigi ikkundannat piena karcerarja u ghalhekk ser tapplika d-diskrezzjoni taghha a tenur tal-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 267, 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art 8 tal-Kap. 537 u l-artikolu 7(1) Tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat Paul Gauci Borda hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-artikolu 8 (7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal perijodu ta' Probation ta' tlett (3) snin ai termini tal- artikolu 7(1) tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta Malta.

Tordna lil imputat sabiex irodd lura lil *parte civile* s-somma ta' elf u tmien mitt eweo u disghin centezmu (€ 1,800.90) sa zmien sena.
Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**